



Dokument ta' sessjoni

A9-0380/2023

30.11.2023

RAKKOMANDAZZJONI

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Šhubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħħa l-oħra (2023-2028)
(COM(2023)0251 – C9-0356/2023 – 2023/0147(NLE))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: João Pimenta Lopes

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

| | |
|---|----|
| ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW | 4 |
| NOTA SPJEGATTIVA | 5 |
| ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM | 8 |
| OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP | 8 |
| OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS | 12 |
| PROċEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI | 17 |
| VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI | 18 |

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-implementazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħħa l-oħra (2023-2028)
(COM(2023)0251 – C9-0356/2023 – 2023/0147(NLE))**

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2023)0251),
- wara li kkunsidra l-abbozz ta' dwar l-implementazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħħa l-oħra (2023-2028) (9890/2023),
- wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagraphu, punt (a)(v), u l-paragrafu (7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0356/2023),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
- wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Bagħits,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0380/2023),
 1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħi għall-konklużjoni tal-Protokoll;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħi sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika ta' Kiribati.

NOTA SPJEGATTIVA

Introduzzjoni

L-Unjoni Ewropea (UE) iffirmat diversi ftehimiet ta' sħubija fis-settur tas-sajd u protokolli ma' pajjiżi terzi. Permezz tal-FPAs, l-UE tagħti appoġġ finanzjarju u tekniku bi skambju għal drittijiet tas-sajd għal eċċess ta' stokkijiet fiż-żona ekonomika esklussiva (iż-ŻEE) tal-pajjiż, f'ambjent regolat legalment. Dawn il-ftehimiet jiffukaw ukoll fuq il-konservazzjoni tar-riżorsi u s-sostenibbiltà ambjentali, filwaqt li jiżguraw li l-bastimenti kollha tal-Istati Membri tal-UE jkunu soġġetti għall-istess regoli ta' kontroll u trasparenza, u jikkontribwixxu finanzjarjament għall-appoġġ tal-politika tas-sajd sostenibbli tal-pajjiż sieħeb stess. Fl-istess waqt, ġiet inkluża klawżola dwar ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-protokolli kollha tal-ftehimiet tas-sajd.

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd ("FPA") bejn il-Komunità Ewropea, minn naħħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħħa l-oħra, ġie ffirmat fit-28 ta' April 2008, u daħal fis-seħħ fit-30 ta' April 2008 għal durata ta' 6 snin. L-ewwel Protokoll dwar l-implementazzjoni tal-FPA skada fil-15 ta' Settembru 2012. It-tieni Protokoll skada fil-15 ta' Settembru 2015.

Fis-26 ta' Jannar 2015, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negożjati għal Protokoll ġdid bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Kiribati. In-negożjati bdew fl-2015 iżda ġew interrotti mill-proċess ta' għoti tal-karta safra b'rabta mal-IUU u l-pandemija.

Fit-18 ta' Diċembru 2022, in-negożjaturi ffirmaw il-Protokoll il-ġdid, wara dawk in-negożjati. Il-Protokoll il-ġdid se jdum fis-seħħ għal perjodu ta' ħames snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu, jiġifieri mid-data li fiha jkun iffirmat miż-żewġ partijiet.

Kontenut tal-Protokoll

Il-proposta għandha l-għan li tottjenti l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll il-ġdid dwar l-implementazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħħa l-oħra (2023-2028).

Opportunitajiet tas-sajd

Il-Protokoll il-ġdid għandu l-għan li jagħti opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Istati Membri tal-UE fl-il-mijiet ta' Kiribati f'konformità mal-pariri xjentifiċi u mar-rakkmandazzjonijiet tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali.

Il-Protokoll il-ġdid jippermetti lill-bastimenti tal-Istati Membri tal-UE jistadu għall-ispeċċijiet tat-tonn fl-il-mijiet ta' Kiribati u joffri opportunitajiet tas-sajd lil erba' bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun tal-borża, b'aċċess għall-il-mijiet ta' Kiribati għal 160 jum fis-sena. Fuq talba jistgħu jsiru disponibbli jiem addizzjonali fis-sena għall-bastimenti tal-Unjoni.

Kontribuzzjoni finanzjarja

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-Unjoni Ewropea hija ta' EUR 760 000, distribwita kif ġej:

— ammont annwali stabbilit għal EUR 360 000 għad-durata tal-Protokoll il-ġdid dwar l-

aċċess għar-riżorsi tas-sajd għall-kategoriji previsti fil-Protokoll;

— appoġġ ta' ammont ta' EUR 400 000 fis-sena għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd ta' Kiribati, għad-durata tal-Protokoll il-ġdid.

Il-Kummissjoni se tingħata s-setgħa biex tapprova, f'isem l-UE, emendi għall-Protokoll adottati mill-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija.

Il-kontribut tas-sajd għall-ekonomija ta' Kiribati

Il-flotot tas-sajd ta' Kiribati jinkludu bastimenti fuq skala żgħira u industrijali li jtajru l-bandiera ta' Kiribati. Il-fotta fuq skala żgħira timmira r-riżorsi tas-sajd għall-iskolijiet u għat-tonn disponibbli qrib il-kosta, b'qabdiet ta' tonn stmati għal kważi 13 000 tunnellata fis-sena destinati għas-suq intern tal-UE.

Il-bastimenti industrijali kollha li jtajru l-bandiera ta' Kiribati huma proprjetà ta' konsorzi li jinvolvu interassi lokali u barranin, princiċċalment mill-Asja. L-inċentiv ewljeni għall-investituri huwa li l-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Kiribati jkollhom aċċess preferenzjali għall-ilmijiet ta' Stati kostali oħra skont it-termini tal-Ftehim tal-Istati Federali tal-Mikroneżja. Skont l-awtoritajiet ta' Kiribati, mhux il-konsorzi kollha jirriżultaw fil-benefiċċċi mistennija għall-pajjiż, u l-awtoritajiet kompetenti jinsabu fil-proċess li jirrevedu l-politika ta' reġistazzjoni nazzjonali.

Kiribati jiddependi ħafna fuq it-tariffi tal-liċenzji tas-sajd f'ilmijiet imbiegħda u r-rimessi minn ċittadini ta' Kiribati impiegati barra mill-pajjiż, princiċċalment bħala baħħara. Is-settur tas-sajd jikkontribwixxi madwar 10 % għall-PDG f'termini reali.

Kiribati, bħal membri oħra tal-Agħenċja tal-Forum tas-Sajd tal-Gżejjer tal-Paċifiċi, jirċievi wkoll dħul minn trattat multilaterali ffīrmat mal-Istati Uniti. Għandu ftehimiet bilaterali dwar is-sajd mal-Unjoni Ewropea, il-Ġappun, it-Tajwan u r-Repubblika tal-Korea, kif ukoll ftehimiet speċifiċi ma' kumpaniji privati b'bastimenti li joperaw fl-Amerika Latina (l-Ekwador u El Salvador).

Id-dħul mil-liċenzji tas-sajd tradizzjonalment jammonta għal 23 — 30 % tad-dħul tal-gvern ta' Kiribati (FMI, 2011). Id-dħul minn dawn il-liċenzji jvarja ħafna, normalment bħala riżultat tal-avvenimenti ta' El Niño. Hemm rabta qawwija bejn żieda fl-abbundanza/fid-disponibbiltà tal-istokk u l-kundizzjonijiet ambjentali fir-reġjun tal-Lvant (Langley et al., 2008).

Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

Fl-2014, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni ex post tal-Protokoll attwali tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd mal-Kiribati, flimkien ma' evalwazzjoni ex ante tat-tiġid potenzjali tal-Protokoll¹.

L-evalwazzjoni ex post tal-Protokoll għall-perjodu 2012-2015 twettqet qabel in-negożjati tal-Protokoll il-ġdid. L-evalwazzjoni wasslet għall-konklużjoni li jkun ta' benefiċċju li jiġi konkluż Protokoll ġdid ma' Kiribati. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni ex ante tikkonkludi li

¹L-Affarijiet Marittimi u s-Sajd: Evalwazzjoni ex post tal-Protokoll attwali tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Kiribati, u evalwazzjoni ex ante, inkluż analiżi tal-impatt tal-Protokoll futur dwar is-sostenibbiltà. <https://webgate.ec.europa.eu/publications/studies/db/Consultation.action?studyProjectId=5911>

I-kontinwazzjoni tal-FPA hija fl-interess taż-żewġ partijiet, b'valur miżjud ċar tal-involviment tal-UE biex tiġi appoġġata l-istrateġija tagħha ffokata fuq il-promozzjoni ta' prattiki tas-sajd responsabbli u fuq il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat (IUU) fir-Reġjun Paċifiku.

Wara l-analiżi mill-Qorti tal-Audituri dwar l-FPAs, ir-Rapporteur jixtieq jirrileva l-osservazzjonijiet tal-Qorti u jenfasizza l-importanza ta' informazzjoni affidabbli dwar id-data tar-riżorsi u l-qabdiet tal-ħut sabiex jiġu rispettati l-prinċipji u l-objettivi li jkopru l-politika komuni tas-sajd u l-FPAs u sabiex jinsiltu konklużjonijiet sodi fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-FPAs.

Ir-Rapporteur jenfasizza wkoll li l-Parlament jeħtieġlu, f'kull stadju, jiġi infurmat bis-sħiħ u minnufih dwar il-proċeduri relatati mal-Protokoll.

Kunsiderazzjoni Ġenerali

Ir-rapporteur jemmen li l-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd huma importanti kemm għall-pajjiżi terzi li magħhom jiġu konklużi kif ukoll għall-flotta tal-Istati Membri tal-UE li tgawdi minn opportunitajiet tas-sajd.

Huwa jaħseb li l-biċċa l-kbira tal-FPAs għandhom livelli differenti ta' kisbiet: minn naħa waħda, l-għoti ta' opportunitajiet sinifikanti tas-sajd għall-bastimenti mill-Istati Membri tal-UE, filwaqt li min-naħa l-oħra, ir-riżultati miksuba fir-rigward tal-iżvilupp tas-settur tas-sajd lokali ġeneralment mħumiex bizzżejjed.

Għalhekk huwa tal-fehma li l-appoġġ settorjali għandu jissaħħa u jiġi ssupplementat u marbut mal-għajnuna għall-iżvilupp, bl-għan li jikkontribwixxi għat-tishħiħ tas-settu tas-sajd lokali u l-eżerċizzju sħiħ tas-sovranità tal-pajjiż fuq ir-riżorsi tiegħu.

Barra minn hekk, huwa jemmen li l-FPAs għandhom jikkontribwixxu għall-ħolqien lokali ta' impjiegħ diretti u indiretti, kemm fuq bastimenti li joperaw skont il-ftehimiet kif ukoll f'attivitàajiet relatati mas-sajd, upstream u downstream. Huma għandhom jgħinu wkoll lill-pajjiżi terzi li magħhom ġew konklużi ftehimiet biex jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom stess li jistudjaw u jiksbu data dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd, dwar il-qabdiet kollha u dwar l-impatt tal-FPAs fuq l-ekosistemi tagħhom.

**ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur iddikjara, taħt ir-responsabbiltà eskużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn xi entità jew persuna li għandha tissemma' f'dan l-Anness skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

21.9.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħħa l-oħra (2023-2028) (00000/2023 – C9-0000-2023 – 2023/0147(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Beata Kempa

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd (FPA) bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kiribati ġie ffirmat fit-28 ta' April 2008 u daħal fis-seħħ fit-30 ta' April 2008 għal durata ta' sitt snin. Il-Ftehim jiggħedded b'mod taċitu u għalhekk għadu fis-seħħ. L-aħħar Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim kopra perjodu ta' tliet snin u skada fil-15 ta' Settembru 2015. Abbażi tad-direttivi ta' negozjati rilevanti, il-Kummissjoni Ewropea wettqet negozjati mal-Gvern tar-Repubblika ta' Kiribati dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ġdid, li ġie inizjalat fit-18 ta' Diċembru 2022 u jkopri perjodu ta' ħames snin mid-data tal-applikazzjoni proviżorja.

L-ġħan tal-Protokoll il-ġdid huwa li jagħti opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni fiż-żoni tas-sajd fl-il-mijiet ta' Kiribati f'konformità mal-pariri xjentifiċi u mar-rakkmandazzjonijiet tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali, kif ukoll itejjeb u jsaħħa il-qafas ta' governanza tas-sħubija strateġika dwar is-sajd sostenibbli bejn l-UE u Kiribati. Huwa jipproteġi s-settur tas-sajd tal-Unjoni filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Viżjoni għal 20 sena ta' Kiribati 2016-2036, b'mod partikolari fil-ġestjoni u fil-konservazzjoni tar-riżorsi tal-ħut, fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrapprtatt u mhux irregolat (IUU) u fit-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tas-sajd fuq skala żgħira. Jinkludi wkoll klawżola dwar il-konsegwenzi tal-prattiki tas-sajd li jiksru d-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jenfasizza kif il-kooperazzjoni għall-iżvilupp fis-sajd jeħtieġ li tkun ibbażata fuq approċċ sostenibbli ċċentrat madwar in-nies.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE lil Kiribati għall-aċċess għar-riżorsi tas-sajd ta' Kiribati hija ta' EUR 760 000 fis-sena. Din is-somma tinqasam f'ammont annwali ta' EUR 360 000 għall-aċċess għaż-żona tas-sajd ta' Kiribati u f'ammont ta' EUR 400 000 għall-appoġġ settorjali.

Magħmula minn tliet gruppi ta' gżejjer – Gilbert, Phoenix, u Line, u b'popolazzjoni ta' 117 606 ruħ, Kiribati jappartjenu għall-akbar 20 żona ekonomika esklużiva fil-pjaneta. Il-pożizzjoni ġeografika tal-pajjiż tagħmlu vulnerabbli ħafna għat-tibdil fil-klima, fejn l-għargħar u l-prattiki frekwenti tad-drena għidu jipperikolaw l-ilma ħelu tiegħu. Barra minn hekk,

it-tkabbir demografiku u l-urbanizzazzjoni reċenti poġġew l-ekonomija lokal taħt pressjoni biex issostni l-għajxien lokali. Flimkien mat-turiżmu, is-sajd huwa l-aktar settur proddutiv ta' Kiribati, fejn il-liċenzji tas-sajd huma sorsi primarji ta' dħul nazzjonali. Il-Gvern ilu jinvesti bis-sħiħ fis-sajd biex jikseb l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli. Ir-rapporteur tfakkar l-impenn tal-UE għall-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp u l-ħtieġa li l-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd u l-protokolli ta' implementazzjoni tagħhom ikunu konformi mal-Ġhanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

Is-sajd kostali huwa s-sors ewlieni ta' proteini għall-komunitajiet lokali, li jikkunsmaw il-ħut kuljum. L-isfidi attwali fis-settur tas-sajd jinkludu n-nuqqas ta' għarfien espert u ta' assistenza teknika għall-konservazzjoni tal-ħut, u opportunitajiet limitati ta' impieg u li mhumiex imħallsa bizzżejjed. F'dan ir-rigward, ir-rapporteur tappella għal sforzi mmirati, permezz ta' konsultazzjonijiet regolari mal-komunitajiet kostali milquta, lejn l-għoti ta' appoġġ settorjali u assistenza teknika biex tiġi stimulata l-ekonomija tas-sajd u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ekonomiku lokali.

Ir-rapporteur hija tal-fehma li l-Protokoll għandu l-potenzjal li jippromwovi l-isfruttament responsabbi u sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u l-iżvilupp ta' politika tas-sajd u marittima nazzjonali f'Kiribati u dan huwa fl-interessi taż-żewġ Partijiet. Għal din ir-raġuni, ir-rapporteur tipproponi li l-Protokoll jiġi approvat.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbi, biex jirrakkomanda l-approvazzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-implementazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħħa l-oħra (2023-2028).

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| Titolu | Il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħħa l-oħra (2023-2028) |
| Referenzi | 2023/0147(NLE) |
| Kumitat responsabbi | PECH |
| Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra | Beata Kempa 18.7.2023 |
| Data tal-adozzjoni | 20.9.2023 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | + : 15 - : 1 0 : 1 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Hildegard Bentele, Dominique Bilde, Christophe Clergeau, Ryszard Czarnecki, Mónica Silvana González, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Karsten Lucke, Erik Marquardt, Michèle Rivasi, Miguel Urbán Crespo, Bernhard Zimniok |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Frances Fitzgerald, Marlene Mortler, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho |
| Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali | Róża Thun und Hohenstein |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| | |
|-----------|---|
| 15 | + |
| ECR | Ryszard Czarnecki |
| ID | Bernhard Zimniok |
| PPE | Hildegard Bentele, Frances Fitzgerald, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Marlène Mortler |
| Renew | Róża Thun und Hohenstein |
| S&D | Christophe Clergeau, Mónica Silvana González, Karsten Lucke, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho |
| Verts/ALE | Erik Marquardt, Michèle Rivasi |

| | |
|----------|-----------------|
| 1 | - |
| ID | Dominique Bilde |

| | |
|----------|---------------------|
| 1 | 0 |
| The Left | Miguel Urbán Crespo |

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni

16.11.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-implementazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħħa l-oħra (2023-2028) (COM(2023)251 – C9-0356/2023 – 2023/0147(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Niclas Herbst

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd ("FPA") bejn il-Komunità Ewropea, minn naħħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħħa l-oħra, ġie ffirmat fit-28 ta' April 2008, u daħal fis-seħħi fit-30 ta' April 2008 għal durata ta' 6 snin. Sakemm ma jintemmx minn xi waħda mill-partijiet, dan għandu jiġġedded b'mod taċitu għal perjodi addizzjonali ta' sitt snin. Minħabba li l-ebda waħda mill-partijiet ma nnotifikat l-intenzjoni tagħha li ttemm l-FPA, dan għadu fis-seħħi. L-ewwel Protokoll dwar l-implementazzjoni tal-FPA skada fil-15 ta' Settembru 2012. It-tieni Protokoll bħal dan skada fil-15 ta' Settembru 2015.

Fis-26 ta' Jannar 2015, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati għal Protokoll ġdid lill-FPA bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Kiribati¹.

Abbażi tad-direttivi ta' negozjati rilevanti, il-Kummissjoni wettqet negozjati ma' Kiribati bil-ħsieb li tikkonkludi Protokoll ġdid f'isem l-Unjoni. Fit-18 ta' Diċembru 2022, in-negozjaturi inizjalaw il-Protokoll il-ġdid, wara dawn in-negozjati. Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' 5 snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja stabbilita fl-Artikolu 22 tiegħi, jiġifieri mid-data ta' meta l-Protokoll il-ġdid jiġi ffirmat miż-żewġ partijiet.

L-objettiv tal-Protokoll huwa li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd billi jawtorizza lis-sidien tal-bastimenti tal-UE jaapplikaw għal liċenzji tas-sajd biex jistadu fiż-żona tas-sajd ta' Kiribati. Il-Protokoll il-ġdid se jiaprovd qafas għall-attivitajiet tas-sajd tal-fotta tal-UE f'dik iż-żona tas-sajd abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli u skont il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Pacificu u l-Pacificu Ċentrali. Barra minn hekk, il-Protokoll il-ġdid se jsaħħħil il-kooperazzjoni bejn l-UE u Kiribati, bil-ħsieb li jippromwovi l-iż-żvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli fl-aspetti kollha tagħha. L-appoġġ settorjali disponibbli fil-qafas tal-Protokoll se jgħin lil Kiribati fl-istrateġja nazzjonali tas-sajd

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għat-tiġid tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħħa l-oħra, 26.01.2015, 5059/15.

tiegħu, inkluż il-ġlieda kontra s-sajd IUU, filwaqt li jippromwovi l-kooperazzjoni fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli tal-oċeani u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-attività tas-sajd skont l-istandardi tal-ILO.

Il-Konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd tfisser li s-sħubija strateġika tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u Kiribati tista' titkompla u tissahħħah.

Bil-konklużjoni tal-Protokoll se jinħolqu opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE fī-żona tas-sajd ta' Kiribati. Il-Protokoll il-ġdid jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni jistadu fl-ilmijiet ta' Kiribati għall-ispeċijiet tat-tonn u jipprevedi l-opportunitajiet tas-sajd li ġejjin:

- 4 bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun tal-borża, b'aċċess għall-ilmijiet ta' Kiribati għal 160 jum fis-sena;
- fuq talba jistgħu jsiru disponibbli jiem addizzjonali fis-sena għall-bastimenti tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-Unjoni hija ta' EUR 760 000, abbażi ta':

- (a) ammont annwali ta' EUR 360 000 għall-aċċess għar-riżorsi tas-sajd, fir-rigward tal-kategoriji previsti mill-Protokoll, għad-durata tal-Protokoll il-ġdid;
- b) appoġġ ta' EUR 400 000 fis-sena għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd ta' Kiribati, għad-durata tal-Protokoll il-ġdid.

Dan l-appoġġ jissodisfa l-objettivi tal-politika ta' Kiribati dwar il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd marittimu tagħhom għad-durata sħiħa tal-Protokoll il-ġdid.

L-ammont annwali għall-approprazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament jiġi stabbilit matul il-proċedura baġitarja annwali, inkluż għal-linjal ta' riżerva għall-protokolli li jkunu għadhom ma daħlu fis-seħħ fil-bidu tas-sena².

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbi, biex jirrakkomanda l-approvazzjoni tal-proposta għal-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħħa l-oħra (2023-2028).

² F'konformità mal-punt 20 tal-Ftehim Interistituzzjoni dwar il-kooperazzjoni f'materji baġitarji (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28).

**ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Il-lista li ġejja tfasslet taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċieva kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

| Entità u/jew persuna |
|--|
| Niclas Herbst jiddikjara li ma rċieva l-ebda kontribut minn xi entità jew persuna. |

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| Titolu | Il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħħa l-oħra (2023-2028) |
| Referenzi | 09862/2023 – C9-0356/2023 – 2023/0147(NLE) |
| Kumitat responsabbi | PECH |
| Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-ħabbir fis-seduta plenarja | BUDG 19.10.2023 |
| Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra | Niclas Herbst 24.10.2023 |
| Eżami fil-kumitat | 7.11.2023 |
| Data tal-adozzjoni | 16.11.2023 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: -: 0: 23 0 1 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Pietro Bartolo, Olivier Chastel, Andor Deli, Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Alexandra Geese, Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Niclas Herbst, Hervé Juvin, Moritz Körner, Joachim Kuhs, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Dimitrios Papadimoulis, Bogdan Rzońca, Eleni Stavrou, Nils Ušakovs, Rainer Wieland |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Ana Collado Jiménez, Francisco Guerreiro |
| Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali | Jonás Fernández, Wolfram Pirchner |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| | |
|-----------|--|
| 23 | + |
| ECR | Bogdan Rzońca |
| NI | Andor Deli, Hervé Juvin |
| PPE | Ana Collado Jiménez, Niclas Herbst, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Wolfram Pirchner, Eleni Stavrou, Rainer Wieland |
| Renew | Olivier Chastel, Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Moritz Körner |
| S&D | Pietro Bartolo, Pascal Durand, Jonás Fernández, Eider Gardiazabal Rubial, Nils Ušakovs |
| The Left | Dimitrios Papadimoulis |
| Verts/ALE | Alexandra Geese, Francisco Guerreiro |

| | |
|----------|----------|
| 0 | - |
| | |

| | |
|----------|--------------|
| 1 | 0 |
| ID | Joachim Kuhs |

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | | |
|---|---|--------------------|
| Titolu | Il-Protokoll dwar l-implementazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħħa l-oħra (2023-2028) | |
| Referenzi | 09862/2023 – C9-0356/2023 – 2023/0147(NLE) | |
| Data tal-konsultazzjoni jew tat-talba għal appovazzjoni | 5.10.2023 | |
| Kumitat responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | PECH 19.10.2023 | |
| Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE 19.10.2023 | BUDG 19.10.2023 |
| Rapporteurs Data tal-ħatra | João Pimenta Lopes 5.6.2023 | |
| Eżami fil-kumitat | 27.6.2023 | 23.10.2023 |
| Data tal-adozzjoni | 29.11.2023 | |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: -: 0: | 23 1 0 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Clara Aguilera, João Albuquerque, Pietro Bartolo, Izaskun Bilbao Barandica, Isabel Carvalhais, Maria da Graça Carvalho, Asger Christensen, Rosa D'Amato, Francisco Guerreiro, Anja Ħaġa, Niclas Herbst, Ladislav Ilčić, France Jamet, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, Ana Miranda, João Pimenta Lopes, Caroline Roose, Bert-Jan Ruissen, Marc Tarabella, Theodoros Zagorakis | |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Gabriel Mato | |
| Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali | Erik Poulsen, Anne Sander | |
| Data tat-tressiq | 30.11.2023 | |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

| 23 | + |
|-----------|--|
| ECR | Ladislav Ilčić, Bert-Jan Ruissen |
| NI | Marc Tarabella |
| PPE | Maria da Graça Carvalho, Anja Ħaġa, Niclas Herbst, Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Anne Sander, Theodoros Zagorakis |
| Renew | Izaskun Bilbao Barandica, Asger Christensen, Erik Poulsen |
| S&D | Clara Aguilera, João Albuquerque, Pietro Bartolo, Isabel Carvalhais, Predrag Fred Matić |
| The Left | João Pimenta Lopes |
| Verts/ALE | Rosa D'Amato, Francisco Guerreiro, Ana Miranda, Caroline Roose |

| 1 | - |
|----|--------------|
| ID | France Jamet |

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni